**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 228/2011**

**Illum: 28 ta' Frar, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Bajada**
**(ID 31854(G))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Bajada ta' 56 sena, iben Emanuel u Carmela nee` Mifsud, imwieled Xaghra, Ghawdex nhar it-2 ta' Mejju 1954 u residenti gewwa 30B, Triq San Guzepp, Xaghra, detentur tal-karta tal-identita` numru 31854(G);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Lulju 2010 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Mag. Dr. J. Padovani Grima LLD fit-12 ta' Dicembru 2008.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li mhumiex kontestati kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Lulju 2010, ghall-habta tat-7.45 a.m., PC 1256 Simon Schembri u PS 337 Mark Mercieca kienu qeghdin jaghmlu ronda fil-limiti tal-Ahrax tal-Mellieha, meta nnutaw vettura li qajmitilhom suspett. Dan ghaliex skont PS 337, hekk kif ghaddew minn hdejn l-istess vettura, din saqet b'velocita` qawwija u ghalhekk il-pulizija saqu warajhom. Waqt li kien ghadu ghaddej dan l-insegwiment, PC 1256 innota xi haga tintrema min-naha tal-passiggier ossia min-naha fejn kien qieghed Piju Grech. Sussegwentement, meta l-vettura giet imwaqqfa, instabet borza li kien fiha sustanza kannella. Piju Grech u x-xufier tal-vettura ossia l-imputat odjern gew arrestati u ttiehdu gewwa l-Ghassa tal-Qawra ghal investigazzjoni ulterjuri. Jirrizulta wkoll illi saret tfittxija fil-vettura u anke fuq iz-zewg persuni, izda ma nstab xejn illegali.[1]

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-3 ta' Lulju 2010, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u wara illi nghata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt fil-fatt huwa ghazel li jezercitah. Piju Grech ukoll irrilaxxja stqarrija nhar it-2 ta' Lulju 2010, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar l-4 ta' Lulju 2010, apparti li sarulu diversi mistoqsijiet li permezz taghhom kompla jespandi fuq l-istqarrija tieghu.[2] L-istess Piju Grech xehed ukoll f'dawn il-proceduri, fejn eventwalment ikkonferma x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[3]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[4], jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, ossia *envelope* kannella mmarkat bhala S/B/509/2012 li fih: 1) borza tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data <u>2/7/10</u> Hin <u>7.45</u> Elevat/i minn <u>l-art</u> fil-prezenza ta' <u>Piu Grech u Joseph Bajada</u> minn <u>PC 1256 (mob)</u>

---

[1] Ara x-xhieda ta' PC 1256 Simon Schembri, a fol. 50 sa 53 tal-process u x-xhieda ta' PS 337 Mark Mercieca, a fol. 54 sa 55 tal-process.
[2] Il-process verbal bl-istqarrija guramentata ta' Piju Grech jinsab esebit a fol. 14 tal-process.
[3] Din tinsab a fol. 26 *et seq* tal-process.
[4] Esebita a fol. 40 *et seq* tal-process.

PC 337 (mob) u (ii) kapsula ta' lewn kannella. Dwar dan id-dokument, l-espert imsemmi kkonkluda illi fuq estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella nstabet is-sustanza eroina. Il-piz tas-sustanza kien ta' 7.54 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 27%. Ix-Xjenzat Sammut ikkonferma r-relazzjoni tieghu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.[5]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq l-istqarrija guramentata ta' Piju Grech lill-Magistrat Inkwirenti nhar l-4 ta' Lulju 2010 li permezz taghha, huwa kkonferma l-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija, kompla jixhed dwar dak li sehh fit-2 ta' Lulju 2010, waqt li huwa kien fil-kumpanija tal-imputat odjern u implika lill-imputat fit-traffikar tad-droga.

Da parti tieghu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega li kien huwa li rema mit-tieqa l-kapsola in kwistjoni, anzi jghid illi huwa ma kienx jaf biha u li lanqas biss raha hierga mill-vettura. Jghid ukoll illi huwa kien gie Malta biex ikellem lill-avukat, li kienu waqfu l-Ahrax tal-Mellieha sabiex jaghtu l-ilma lill-vettura ghaliex sahnet u nnega li huwa jbiegh id-droga. L-imputat ghazel ukoll li ma jwegibx ghall-maggor parti tad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel.[6]

Da parti taghha, id-difiza tattakka l-istqarrija guramentata ta' Piju Grech u ssostni *inter alia* illi Grech ma kienx kredibbli tant illi lanqas il-Magistrat Inkwirenti ma emmnu, apparti illi skont id-difiza, dan jirrizulta wkoll mit-traskrizzjoni per se tal-istess xhieda fejn ix-xhud jibda jlaqlaq meta jigi dahru mal-hajt. Ukoll skont id-difiza, l-iskop tax-xhieda ta' Grech kien illi jitfa' dell ikrah fuq l-imputat u dan kemm sabiex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101, kif ukoll sabiex jisganca ruhu mis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Id-difiza madankollu ma tikkontestax illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga fil-jum in kwistjoni, tant illi ssostni illi l-imputat u Grech dakinhar xtraw id-droga flimkien, hargu l-flus ghaliha t-tnejn u marru biex jikkunsmawha flimkien u li ghalhekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tax-*sharing* u dan fis-sens illi kien hemm pussess ta' droga bejn zewg persuni. In oltre, skont il-difiza, jirrizulta mix-xhieda ta' Grech stess illi l-imputat kien jikkonsma kwantita` konsiderevoli ta' eroina u ghalhekk ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali tal-imputat.

---

[5] A fol. 37 u 38 tal-process.
[6] A fol. 19 sa 21 tal-process.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija ta' Grech, ix-xhieda tiegħu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u anke x-xhieda tiegħu f'dawn il-proceduri. Bazikament, Grech jghid illi dakinhar huwa nizel Malta flimkien mal-imputat odjern sabiex jakkwistaw id-droga eroina u illi nizlu Malta bil-vettura tieghu stess, fil-waqt illi saq l-imputat ghaliex hu ma kienx familjari mat-toroq Maltin. Skont hu, ghadda s-somma ta' mitt ewro (skont l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija) jew tmenin ewro (skont ix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti) lill-imputat u li dan kellu jghaddilu gramma eroina mid-droga li l-imputat kien ser jakkwista dakinhar. Effettivament skont hu, waslu Bugibba, l-imputat cempel lill-fornitur tieghu li gie b'Pajero sewda u l-imputat wahdu nizel mill-vettura sabiex jinqeda minghand tal-Pajero. Wara xi hames minuti, l-istess imputat dahal lura fil-vettura tax-xhud, dejjem misjuqa mill-imputat u qallu li kien inqeda. Skont ix-xhud, l-imputat xtara tmien grammi eroina bil-prezz ta' €80 il-gramma. Imbaghad, fuq suggeriment tal-imputat, dawn waqfu fil-limiti tal-Ahrax tal-Mellieha sabiex jiehdu ftit mid-droga li kien ghadu kif akkwista l-imputat u hadu xi nifsijiet, izda ftit wara x-xhud innota l-pulizija. Huwa avza lill-imputat li kien hemm il-pulizija u dak il-hin l-imputat infixel u saq il-vettura b'velocita`, tant li gibed izjed l-attenzjoni tal-pulizija, li saqu warajhom. Skont hu, kien l-imputat li rema l-kapsola bid-droga mit-tieqa tal-passiggier, ghalkemm fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jghid ukoll illi l-imputat ghaddielu din il-kapsola, u li huwa remiha mit-tieqa tal-passiggier ossia mit-tieqa tieghu.

Sfortunatement, il-Qorti kif preseduta ma kellhiex okkazzjoni li tisma' lix-xhud u tara l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda fiz-zewg okkazzjonijiet li huwa ta x-xhieda tieghu. Biss dwar din ix-xhieda, tista' tirrileva s-segwenti: Sa mill-bidu nett meta mwaqqaf mill-pulizija, ix-xhud qal li aktar kmieni fil-ghodu, kienu ltaqghu ma' terza persuna b'vettura sewda u li l-imputat kien nizel ikellmu.[7] Ix-xhud jibqa' jtenni dan il-fatt fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija u anke fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u li huwa ma kienx jaf min kienet din il-persuna, hlief li kienet qeghda ssuq Pajero sewda ghaliex ma kienx huwa li ghamel kuntatt maghha. Skont ix-xhud, kien l-imputat li cempel lil din il-persuna fis-sens illi ftiehem mieghu u kien ukoll l-imputat li mbaghad nizel mill-vettura u nqeda bid-droga eroina. Il-Qorti tinnota wkoll illi salv ghal dettal dwar kemm hallas flus ghal sehmu mid-droga li giet akkwistata mill-imputat ossia jekk hux €80 jew "*xi haga hekk bejn tmenin*"[8] (kif jghid fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti) jew €100 ghal gramma eroina (kif jghid fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija), altrimenti x-xhud baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu dwar il-dettalji

[7] Ara x-xhieda ta' PS 337 Mark Mercieca, a fol. 55 tal-process.
[8] A fol. 23 tal-process verbal.

l-ohrajn li huwa ta.  Ghalkemm fil-bidu tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ix-xhud jghid illi huwa kien sellef il-flus lill-imputat ghaliex l-imputat qallu li ma kellux bizzejjed flus ghad-droga u illi bhal insista mieghu l-imputat sabiex jinzlu Malta ghaliex ried jinqeda bid-droga u f'mumenti jghid ukoll illi l-imputat talbu jinzel Malta mieghu sabiex imorru dawra, biss f'partijiet ohra tax-xhieda tieghu jammetti car u tond illi kienu nizlu Malta sabiex jakkwistaw l-eroina u illi huwa hareg sehem ghad-droga li giet akkwistata dakinhar sabiex huwa jakkwista gramma mill-istess.  Il-Qorti temmen illi kien proprju ghaliex anke huwa ried jakkwista d-droga illi x-xhud nizel Malta flimkien mal-imputat.  Il-Qorti tinnota wkoll illi anke fl-istqarrija tieghu, ix-xhud jghid illi sussegwentement, kienu waqfu l-Ahrax tal-Mellieha sabiex jaghmlu uzu mid-droga li kienu akkwistaw, kif jghid ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dwar dawn il-partijiet tal-verzjoni tax-xhud, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat u Grech nizlu Malta proprju sabiex jixtru d-droga eroina u mhux kif allegat mill-imputat fl-istqarrija tieghu, sabiex huwa jkellem lill-avukat tieghu u dan fid-dawl kemm tal-hin li fih nizlu Malta ossia ghall-habta tas-6.00 a.m., kif ukoll tal-fatt illi Grech kien qed jakkumpanja lill-istess imputat, apparti l-osservazzjoni tal-pulizija illi raw xi haga (li wara rrizultat li kienet kapsola bl-eroina) hierga mill-vettura u s-sejba tad-droga da parti tal-pulizija, hekk kif dawn twaqqfu.  Tqis ukoll illi hija certament verosimili l-verzjoni tax-xhud illi huma waqfu l-Ahrax tal-Mellieha sabiex jaghmlu uzu mid-droga, tenut kont ukoll tal-post in kwistjoni, kif ukoll illi ma jaghmilx sens illi huma jieqfu hemmhekk ghaliex kienet sahnet il-vettura, kif jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu.  In oltre li kieku verament sahnet il-vettura, l-imputat qajla kien jaghmel il-manuvra li ghamel u jsuq b'velocita`, u dan ghamlu sempliciment ghaliex kien ben konxju tal-fatt illi fil-vettura kien hemm id-droga, apparti li jidher ukoll illi sussegwentement l-istess imputat gie investigat dwar ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.  Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex dubju mill-verzjoni tax-xhud meta dan jghid illi l-imputat u hu nizlu Malta purament sabiex jakkwistaw l-eroina, kif ukoll illi qabel twaqqfu mill-pulizija, huma abbuzaw mill-istess droga.

Issa apparti minn hekk, ix-xhud jghid ukoll illi kien l-imputat li ghamel kuntatt mal-fornitur u li huwa kien ser jakkwista biss gramma mit-tmien grammi li gew akkwistati dakinhar u li ghalhekk il-bqija tad-droga kienet tal-imputat.  Skont ix-xhud, huwa hareg sehmu ta' €80 jew €100 ghal din il-gramma u l-bqija tal-flus ghal dan l-akkwist harighom l-imputat.  Li dakinhar gew akkwistati cirka tmien grammi eroina fil-fatt huwa korroborat mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Sammut, ghaliex effettivament jirrizulta illi l-piz tat-trab in kwistjoni kien ta' 7.54 grammi u dan wara li wiehed iqis ukoll illi skont Grech, kemm hu kif ukoll l-imputat kienu ghamlu uzu mill-istess eroina, qabel gew imwaqqfa mill-pulizija.  Il-

Qorti tqis ukoll illi Grech kien konsistenti meta jghid illi huwa ma kienx familjari mat-toroq Maltin u li ghalhekk saq l-imputat, apparti illi effettivament verament kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura meta huma gew imwaqqfa mill-pulizija. Dwar il-fatt illi kien l-imputat li ghamel kuntatt mal-fornitur tad-droga, ix-xhud ukoll kien konsistenti u jispjega kif il-vettura *Pajero* li fiha kien hemm il-fornitur daret il-kantuniera u li ghalhekk huwa ma setax jara dan it-terz min kien, ghaliex huwa baqa' fil-vettura. Anke hawn il-Qorti tinnota illi x-xhud baqa' jzomm ma' din il-verzjoni waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dan minkejja li sarulu diversi mistoqsijiet f'dan ir-rigward. In oltre meta gie mistoqsi jekk kienx verament l-imputat jew hu li cempel lill-fornitur, ix-xhud jghid illi huwa ma kellux *credit* fuq ic-cellulari tieghu, jibqa' jinsisti dwar dan u jghid illi fil-fatt lanqas dakinhar, fil-hin tax-xhieda, ma kellu *credit*, sakemm il-Magistrat effettivament jikkonferma li x-xhud verament ma kellux *credit* waqt ix-xhieda tieghu.

Veru wkoll illi x-xhud ilaqlaq f'partijiet tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Id-difiza tattribwixxi dan it-tlaqliq ghal dawk l-okkazzjonijiet fejn ix-xhud hass li gie dahru mal-hajt u li dan juri li ma kienx veritier fix-xhieda tieghu. Biss wara li fliet ix-xhieda guramentata ta' Grech quddiem il-Magistrat Inkwirenti, il-Qorti tinnota li ma kienx biss fil-mumenti meta x-xhud beda jwiegeb dwar l-involviment tieghu fix-xiri tad-droga, jew fejn seta' hass li gie dahru mal-hajt kif tghid id-difiza, izda anke f'mumenti ohrajn. Hekk per ezempju, huwa jghid b'referenza ghat-triq f'Bugibba fejn waqfu sabiex jakkwistaw id-droga: "*It-triq kienet triq xi daqsxejn, daqsxejn imwarrba ...*"[9]; b'referenza ghall-fornitur tad-droga jghid hekk: "*Imma mbaghad imbaghad l-iehor l-iehor baqa' sejjer mal-kantuniera*"[10]; dwar il-mument li fih waqfu sabiex juzaw mid-droga, jghid: "*... bhalma, bhalma, bhalma ghidtlek waqafna, waqafna hadna nifs kull wiehed*"[11]; dwar il-hin li huwa ra lill-pulizija: "*U, u mill-boghod, mill-boghod nara, nara lil tal-mobile gejjin ...*"[12]; dwar il-hin ta' wara s-sejba tad-droga: "*Haduna ghall-ghassa, ghall-ghassa tal- tal- tal-Qawra*"[13] u meta mistoqsi ghall-darba ohra jekk kienx hu biss li ha d-droga jew kienx ha minnha wkoll l-imputat, huwa jghid: "*Dan ghidtlek, ghidtlek li lhaqna hadna*".[14]

Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm Grech kien reticenti f'partijiet mix-xhieda tieghu meta gie biex jammetti l-involviment tieghu ossia illi huwa kellu sehem fl-

[9] A fol. 8 tal-process verbal.
[10] A fol. 10 tal-process verbal.
[11] A fol. 14 tal-process verbal.
[12] A fol. 14 tal-process verbal.
[13] A fol. 15 tal-process verbal.
[14] A fol. 37 tal-process.

akkwist tad-droga, tant illi per ezempju, jghid ghall-ewwel illi l-imputat talbu sabiex isellfu l-flus sabiex jinqeda bid-droga, illi l-imputat talbu l-flus ghad-droga ghaliex ma kellux bizzejjed flus biex jinqeda u li l-imputat talbu biex imur mieghu Malta sabiex iduru dawra, u f'hin minnhom jghid ukoll illi ma kienx jaf ghalfejn l-imputat talbu biex jinzel mieghu Malta, biss f'mumenti ohra tax-xhieda tieghu meta gie mistoqsi mill-Magistrat Inkwirenti ghaliex huwa kien ta l-flus lill-imputat, jghid illi l-ftehim bejniethom kien illi huwa kien ser imissu gramma eroina ghall-flus li kien ser johrog u jerga' jammetti izjed tard illi huma nizlu Malta sabiex jixtru d-droga u li kien ghalhekk illi l-imputat talbu l-flus. F'dan is-sens il-Qorti tinnota li minkejja r-reticenza tax-xhud fi bnadi tax-xhieda tieghu, wara li sarulu diversi domandi mill-Magistrat Inkwirenti, huwa ammetta l-involviment tieghu fil-vicenda kollha, anke jekk b'certu biza', tant illi f'hin minnhom fl-istess xhieda jghid ukoll "*Mhux ghal gewwa jien, mhux ghall-habs!*"[15]. In oltre ghalkemm f'hin minnhom jghid illi ma kienx cert mija fil-mija, imbaghad jikkjarifika dan billi jghid "*Li forsi ghidt xi zball li jista' idur kontrija*"[16] u dan wara li esprima l-hsieb tieghu li donnu kien rassenjat li ser jispicca l-habs. Madankollu meta rega' gie mistoqsi mill-Magistrat Inkwirenti jekk kienx qed jghid il-verita` kollha dwar l-imputat, isostni li ma kien qed jivvinta xejn u dan b'insistenza kbira. Minn qari akkurat ta' din ix-xhieda, il-Qorti tikkonkludi illi x-xhud mhux ta' xi intellett kbir, apparti li afflitt minn *depression*, kif jammetti huwa stess fix-xhieda tieghu u li ghalkemm jipprova jdur mal-lewza meta mistoqsi dwar l-involviment tieghu fl-akkadut, finalment wara ammont notevoli ta' mistoqsijiet rega' qal dak li kien qal inizzjalment fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u cioe` illi huwa nizel Malta mal-imputat sabiex anke hu jakkwista d-droga ossia gramma eroina.

Il-Qorti tqis ukoll, anke fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, illi Grech kien kredibbli meta jghid illi huwa akkwista d-droga eroina minghand l-imputat fiz-zmien wara li huwa hareg mill-habs ossia minn April 2010 'il quddiem. Ghalkemm huwa evidenti illi l-Magistrat Inkwirenti kien xettiku dwar kemm verament Grech kien xtara d-droga biss fi tliet okkazzjonijiet minn meta hareg mill-habs – u l-Qorti tifhem dan ix-xetticizmu tal-Magistrat Inkwirenti anke ghaliex mhuwiex solitu li min jiehu l-eroina, jaghmel dan biss darba fil-gimgha, kif jghid ix-xhud u anke ghaliex il-fatt li x-xhud mar biex jakkwista gramma eroina juri wkoll illi x'aktarx il-vizzju tieghu kien izjed gravi milli jammetti hu – biss il-Qorti ma ssib xejn li mhux kredibbli f'dak li jghid ix-xhud rigward l-imputat ossia li kien jixtri l-eroina minghandu. Effettivament jindika wkoll kif kien jaghmel sabiex jixtri d-droga minghandu u fejn kienu jiltaqghu u m'hemm xejn f'din il-

[15] A fol. 34 tal-process.
[16] A fol. 35 tal-process.

parti tax-xhieda tieghu li jindika li ma kienx veritier. Anzi f'dan ir-rigward il-verzjoni tieghu baqghet konsistenti ghaliex anke fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, Grech jghid illi l-imputat gieli bieghlu l-eroina.

Ghalkemm dwar din il-parti tax-xhieda ta' Grech, id-difiza tghid illi l-pulizija (u cioe` l-Ispetturi prezenti waqt ix-xhieda quddiem il-Magistrat Inkwirenti) stess ma hamlux il-fatt illi x-xhud semma biss lill-imputat bhala fornitur tieghu tad-droga, biss kien l-istess Magistrat Inkwirenti illi staqsa lix-xhud jekk kienx xtara droga minghand haddiehor fiz-zmien qabel huwa kien il-habs u ssuggerielu wkoll isem ta' terza persuna. Ma jidhirx minn din il-parti tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Grech illi l-Magistrat Inkwirenti jew l-Ispetturi prezenti kienu urtati mill-fatt illi Grech ma semma lil haddiehor hlief lil Bajada, izda sempliciment saritlu mistoqsija li permezz taghha x-xhud seta' jaghti izjed informazzjoni u fil-fatt ix-xhud qal illi huwa kien xtara d-droga anke minghand din it-terza persuna indikata lilu, fil-zmien qabel dahal il-habs u kompla biex jaghti informazzjoni dwar kif kien jaghmel biex jakkwista d-droga minghandu u fejn kien jiltaqa' mieghu.

Tqis ukoll illi fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fil-bidu Grech kien reticenti ghall-ahhar u jghid illi fil-jum in kwistjoni, huma kienu nizlu Malta ghax l-imputat ried jara xi vettura, li huwa ma kienx jaf minn fejn gab id-droga l-imputat u li ma kien ra xejn, apparti li qal ukoll kemm il-darba li nesa. Sussegwentement, madankollu jghaddi biex jikkonferma x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi apparti li huwa evidenti li x-xhud ma kienx veritier fl-ewwel parti tax-xhieda tieghu, jirrizulta wkoll daqstant evidenti li l-istess xhud kien qed jibza' mill-konsegwenzi li x-xhieda tieghu seta' jkollha fil-konfront tieghu stess, tant illi meta mistoqsi ghalfejn kien ghamel zmien il-habs, huwa jwiegeb "*Jien lanqas ghandi avukat min jiddefendini, jien qieghed wahdi hawn*"[17] u qabel, mistoqsi jghid ghalfejn kienu gew Malta, jghid izjed minn darba "*Kif ha naqbad inwiegeb*".[18]

Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk il-Qorti tqis illi x-xhud kien kredibbli meta jghid illi fiz-zmien minnu indikat, huwa akkwista l-eroina minghand l-imputat.

Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bit-traffikar tad-droga eroina u dan fit-2 ta' Lulju 2010 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data. F'dan ir-rigward, b'referenza ghal dak li sehh fit-2 ta' Lulju 2010, il-Qorti ma tqisx illi fl-azzjonijiet tal-imputat kien jiffigura r-reat ta' traffikar, ghaliex jirrizulta illi l-

---

[17] A fol. 32 tal-process.
[18] A fol. 30 tal-process.

imputat u Grech nizlu Malta flimkien sabiex jakkwistaw id-droga u ghalhekk l-akkwist tad-droga eroina dakinhar kien wiehed kongunt. Madankollu, jirrizulta t-traffikar tad-droga eroina fil-gimghat ta' qabel, u dan fis-sens illi l-imputat ipprovda d-droga eroina lix-xhud. Issa veru wkoll illi fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Grech jghid illi din id-droga ma kienx ikollha effett fuqu, izda jghid ukoll illi huwa kien jixtriha minghand l-imputat bhala droga eroina. F'dan is-sens ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, is-sustanza in kwistjoni ma kinitx verament droga eroina, m'hemmx dubju illi l-imputat kien qieghed jipprovdiha bhala tali u stante li fit-termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 anke l-offerta` li wiehed jipprovdi d-droga eroina hija sufficjenti sabiex jiffigura r-reat ta' traffikar, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina. F'dan ir-rigward, id-difiza tissottometti illi kien ix-xhud Grech stess illi sostna, fix-xhieda tieghu, illi l-imputat kien jaghmel uzu sostanzjali mid-droga eroina u ghalhekk ma jirrizultax ippruvat, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-pussess tal-istess droga fil-jum in kwistjoni kien wiehed aggravat, izda sempliciment pussess ghall-uzu personali.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**, inghad hekk:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

Skont Grech, l-imputat ried jixtri tmien grammi eroina bil-prezz ta' €80 il-gramma u illi minn dawn, ix-xhud kien ser jakkwista gramma. Dan ifisser illi l-imputat kien ser jibqghalu cirka seba' grammi eroina. Madankollu, l-imputat u x-xhud lahqu ghamlu uzu mid-droga li akkwistaw ftit tal-hin qabel u skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, id-droga li nstabet kellha piz ta' 7.54 grammi. Dan ifisser ghalhekk, jekk wiehed inaqqas il-gramma intiza ghax-xhud, illi l-imputat kien ser jifdallu cirka 6.5 grammi eroina. Fil-fehma tal-Qorti tali ammont certament li mhuwiex wiehed li normalment jigi assocjat ma' pussess ghall-uzu personali. Fil-fatt meta wiehed jikkunsidra li doza eroina normalment

hija bejn 0.1 grammi u 0.2 grammi, tali ammont kellu potenzjal ta' bejn 32 u 65 doza. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkunsidra wkoll illi Grech jghid illi l-imputat kien jaghmel uzu sostanzjali mid-droga eroina. Li l-imputat kien jaghmel uzu mid-droga, kuntrarjament ghal dak li huwa stqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta wkoll mill-fatt illi ftit wara l-akkwist tad-droga misjuba, anke l-imputat ghamel uzu minn din id-droga. Biss anke jekk wiehed jaccetta dak li jghid Grech ossia li l-imputat kien juza d-droga b'mod sostanzjali, ghalkemm id-difiza ma gabet l-ebda prova, imqar sal-grad tal-probabbli, sabiex turi f'hiex kien jikkonsisti dan l-uzu sostanzjali da parti tal-imputat, tenut kont mill-banda l-ohra kemm tal-ammont misjub, kif ukoll tal-fatt illi l-imputat kien jitraffika d-droga eroina sa gimghat qabel il-jum in kwistjoni, li juri *course of conduct* da parti tieghu, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx wiehed purament ghall-uzu personali tal-imputat, izda kien pussess aggravat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke t-tieni imputazzjoni giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment, il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputat talli kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat, illum Imhallef, Dr. J. Padovani Grima tat-12 ta' Dicembru 2008. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza datata 12 ta' Dicembru 2008, fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Carmelo Magri, Spettur Mario Bonnici) vs Joseph Bajada u Antoine sive David Monsigneur', mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-ko-imputat Bajada f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern.[19] Ghaldaqstant, jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz tal-istess sentenza, il-Qorti sabet lill-ko-imputati hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet imputazzjonijiet, b'assorbiment tar-raba' imputazzjoni, mhux hatja tal-hames imputazzjoni u hatja tas-seba' imputazzjoni u qeghdithom taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet snin.[20] Dan ifisser illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat odjern proprju fil-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation* u ghalhekk il-Qorti ser titratta mal-imputat dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz ta' dik is-sentenza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

[19] Din tinsab esebita a fol. 22 *et seq* tal-process.
[20] Is-sitt imputazzjoni kienet tirrigwarda biss lill-ko-imputat Monsigneur.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali kienet wahda refrattarja u tikkonsisti *inter alia* f'diversi kundanni dwar sewqan minghajr licenza u polza ta' assikurazzjoni, diversi reati kontravvenzjonali u offizi hfief fuq il-persuna, serq aggravat, traffikar u pussess tad-droga eroina, hsara volontarja, pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta f'izjed minn okkazzjoni wahda u ksur tal-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest.

Qieset ukoll in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-ammont ta' droga misjub.

Ghal fini ta' piena, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (h) tal-istess Kap. 9, sabiex titratta mal-imputat ghar-reati li dwarhom huwa tqieghed taht Ordni ta' *Probation* u ghal dan il-ghan qeghda wkoll tiehu qies tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti kif diversament preseduta meta giet biex timponi l-piena taghha fis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 ossia l-fedina penali refrattarja tal-imputat min-naha l-wahda u min-naha l-ohra, it-tul tal-proceduri, l-ammont irrizorju ta' gwadann finanzjarju, kif ukoll l-mahfra tal-kwerelant. Qed tqis ukoll ghal fini ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi r-reati li huma l-izjed gravi huma dawk ikkontemplati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-kaz deciz mill-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Dicembru 2008 ossia dawk dwar serq aggravat bil-vjolenza u bil-mezz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (h) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre qed titratta mal-hati dwar ir-reati li huwa nstab hati taghhom permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima tat-12

ta' Dicembru 2008, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u fil-waqt illi ghal kull buon fini tikkonferma l-htija tieghu dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet li taghhom instab hati permezz ta' dik is-sentenza[21], wara li rat l-Artikoli 23 tal-Kap. 446, l-Artikoli 17, 18, 49, 50, 84, 86, 261(a) u (b), 262, 263, 275, 277 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva.

B'kollox ghalhekk, il-hati qed jigi kkundannat ghall-piena ta' disgha u ghoxrin (29) xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati qed jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€156.88), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[21] Kif inghad, l-imputat gie illiberat mill-hames imputazzjoni u s-sitt imputazzjoni kienet fir-rigward tal-ko-imputat biss.